MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2006

Numru. 395/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**ALBERT GRECH bin Michael u Mary Anne nee` Xerri, imwieled fil-hdax ta' Lulju, 1967 u residenti Galaxy, Triq ix-Xewkija, Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 17267G**

.

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **ALBERT GRECH** bin Michael u Mary Anne nee` Xerri, imwieled fil-hdax ta' Lulju, 1967 u residenti Galaxy, Triq ix-Xewkija, Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 17267G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar it-Tlieta, t-tnejn ta' Mejju

2006 ghal habta tal-erbgha neqsin kwart ta' wara nofsinhar fi Triq Sannat, Ghawdex:
1. Hebb kontra Alison Attard sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;

2. Voluntarjament kiser il-bon ordni u/jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied;

3. talli bl-imgieba tieghu kkaguna lil Alison Attard u lit-tfal taghha Kyra u Glenn biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom;

4. talli fl-istess data, fl-inhawi maghrufa bhala "Is-Sanap" limiti tal-Munxar ghal habta tal-hamsa ta' filghaxija kien ghal kacca jew ipprova jikkaccja, jiehu jew ipprova jiehu b'kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skond id-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, bla ma kien fil-pussess ta' licenzja valida skond ma tkun tapplika, mahruga mid-Direttur;
5. talli fl-istess data u hin fl-inhawi maghrufa bhala tas-Sanap, limiti tal-Munxar, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew kontroll tieghu jew kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar ghamla Breda (Mega Star) seriel no. 107758 flimkien mac-cinturini b'28 skartocc u b'sitt (6) skratacc ohra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita mill-ligi tordna l-konfiska ta' l-arma tan-nar.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom cintorin bi skratacc, kopja tal-licenzja relattiva kif wkoll ricevuta dok WPS 3 esibiti minn WPS 160 Josephine Camilleri.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil WPS 160 Josephine Camilleri li ddikjarat li sabet lil imputat odjern barra fl-inhawi tas-Sanab bis-senter f'idejh.
Semghet lil Dottor Carmelo Galea ghan-nom ta' Alison Attard, jiddikjara li hija ghan-nom taghha u t'uliedha kienu qed jirrinunzjaw ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat w ghalhekk il-Qorti tiddikjara proceddiment ezawrit

fil-konfront tal-ewwel (1) w it-tielet (3) akkuza stante rinunzja u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn z-zewg akkuzi.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuzi, salv u b'eccezzjoni tal-ewwel w t-tielet akkuza, jirrizultaw ppruvati ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.

Ghaldaqstant, **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 339(1)(d), 338(dd) u 251 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif wkoll l-Iskeda 12(1) tal- Avviz Legali numru 79/2006, **tiddikjara li ssib lil imputat ALBERT GRECH hati tat-tieni (2), r-raba (4) w il-hames (5) akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu u tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hamsa sebghin [75] lira maltin u tordna l-konfiska tal-oggetti esibiti l-Qorti minn WPS 160 Josephine Camilleri filwaqt li tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tal-ewwel (1) w it-tielet (3) akkuza stante r-rinunzja tal-kwerelanti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------